It-Tlieta u Tletin Ħadd tas-Sena

# Aħbar Tajba

Prov 31, 10-13.19-20.30-31
S 127 (128), 1-2.3.4-5
1 Tess 5, 1-6
Mt 25, 14-30



**"Int kont fidil fil-ftit:**
idħol fil-hena ta' sidek."

Darba kien hemm raġel sinjur ħafna li kien imexxi kumpanija kbira ħafna u li kienet tagħmel ħafna xogħol differenti. Tant kienet kbira l-kumpanija li tgħidx kemm kellu nies jgħinuh biex imexxiha. Darba kellu jsiefer għal ftit xhur fuq xogħol. Imma qabel telaq mar fuq l-iżgħar tliet ħaddiema li kellu u tahom kaxxa tal-għodda kull wieħed. Dawn il-kaxxi ma kinux l-istess; waħda kienet kbira ħafna u kellha għodda goffa, l-oħra kienet ftit imdaqqsa u kellha għodda ferm iżgħar, filwaqt li l-aħħar kaxxa ma kinitx wisq kbira imma kellha wkoll għadd sew ta' għodda. Is-sinjur qassam dawn il-kaxxi skont il-ħila tal-ħaddiema tiegħu u qalilhom biex jużawhom tajjeb sakemm jiġi.

Ix-xhur għaddew u fl-aħħar is-sinjur ġie lura u xtaq jiltaqa' mal-ħaddiema li kien fdalhom l-għodda tiegħu. Bħall-bqija tal-ħaddiema dawn kienu komplew imorru x-xogħol bħas-soltu, imma s-sid kien kurjuż biex jara x'għamlu bl-għodda li tahom.

Mar fuq l-ewwel wieħed u staqsieh x'kien għamel. Il-ħaddiem wieġbu, "Jien smajt li tassew tħobb tgħin lill-foqra u allura sibt xi nies foqra fil-belt li ma setgħux isewwu darhom u ħadt ħsiebhom jien." Tgħidx kemm kien kuntent is-sinjur xħin sema dan u ma waqafx hemm għax talab lill-ħaddiem jieħdu jara x-xogħol li kien għamel. Tant kien kuntent li tah promozzjoni fil-kumpanija biex jieħu ħsieb il-bini kollu li jibnu.

Imbagħad mar fuq it-tieni wieħed. Dan wieġbu, "Ftit snin ilu smajtek tgħid kemm xtaqt tgħin lid-dar tal-anzjani u allura bdejt immur ftit filgħaxija ngħinhom fil-manutenzjoni tal-post. Tgħidx kemm ħadu gost!" Is-sinjur għal darb'oħra mar jara, u sar jaf li kien żeba' l-kmamar kollha u sewwa l-ħsarat kollha li kellhom. Tgħidx kemm kien kuntent u lilu wkoll tah promozzjoni.

Imma xħin ġie għat-tielet ħaddiem, dan dar fuqu u tah lura l-kaxxa tal-għodda u qallu, "Jien bżajt li nkisser xi ħaġa mill-għodda u allura rfajthom biex ma jiġrilhom xejn." Tnikket is-sid u telaq minn quddiemu bla ma kellmu xejn.

Kieku inti x'kont tagħmel? Jekk xi ħadd jagħtik rigal, inti tħallih fil-kaxxa biex ma jiġrilu xejn? Kif taħseb li jħossu dak li jkun tak ir-rigal jekk qatt ma jarak tilgħab bih? Kif taħseb li jħossu Alla xħin jara li r-rigali li tak ma tużahomx?

## Sib il-Kelma

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.**

SINJUR, QADDEJJA, TALENTI, ĦILA, SIEFER, SEWWA, NAFDAK, ĦAŻIN, JINGĦATALU, JITTEĦIDLU

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| T | L | IE | T | A | G | A | L | I | L |
| K | A | N | T | A | U | M | I | J | A |
| J | I | T | T | E | Ħ | I | D | L | U |
| N | A | F | D | A | K | S | O | M | E |
| X | I | Ħ | A | Ġ | A | Ħ | T | D | |
| Q | A | D | D | E | J | J | A | E | M |
| A | S | IE | F | E | R | Ħ | L | S | S |
| D | I | T | I | N | K | A | E | T | E |
| E | N | Ġ | E | S | Ù | D | N | I | W |
| J | J | A | L | L | A | E | T | N | W |
| J | U | R | T | E | N | Ħ | I | L | A |
| A | R | I | T | À | GĦ | M | W | K | Q |
| Ħ | A | Ż | I | N | IE | D | A | A | Q |
| N | J | I | N | GĦ | A | T | A | L | U |

Sib id-differenzi





“Int kont fidil fil-ftit:
**idħol fil-hena ta’ sidek.”**




# Il-Kewkba li ddiet

**STORJA TAL-MILIED | KALENDARJU TAL-AVVENT | KTIEB TAT-TPINĠIJA**

**Dan l-Avvent ejja magħna fi vjaġġ wara kewkba speċjali li se tlaqqagħna ma' sultan ġdid. Kuljum se timxi pass ieħor fl-istorja li bidlet id-dinja.**

Ibagħtilna email fuq info@mediacentre.com.mt

**€1** VAT inkluża

jew ċemplilna fuq 2569 9100

Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq




**info@sayitmalta.com**

Grazzi.

## AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**

**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web




**Promozzjoni**

Issa tista' tirreklama fuq
Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100 jew ibgħatilna email fuq info@sayitmalta.com

AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.

mediacentre YOUTHEME FOUNDATION